# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 1 ta' Frar, 2001**

**Numru  32**

**Citaz.  numru:  127/98 NA**

**Registratur tal-Qrati Superjuri**

**vs**

**(1) Pawlu Camilleri**
**(2) Josephine Bonello**

**Disprezz tal-Qorti - Artikolu 1003A - Kapitolu 12, Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili - Decizjoni preliminari.**

**Eccezzjoni preliminari giet michuda peress illi bl-Artikolu 1003A tal-Kapitolu 12, kif emendat, ir-Registratur tal-Qrati jitqies bhala attur fi procediment ghal disprezz.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fil-21 ta' Jannar, 1998 fejn ippremetta:

"Illi fil-kawza "Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello", Citazzjoni numru 709/95 VDG, fl-24 ta' Mejju 1996, din il-Qorti ddegretat *inter alia* testwalment hekk: "*…tordna li t-tfal tal-kontendenti f'ebda hin u taht ebda cirkostanza m'ghandhom jithallew fil-kustodja jew kumpanija ta'; Pawlu Camilleri … u dan anke jekk l-imsemmija tfal ikunu akkumpanjati minn ommhom jew membri ohra tal-familja taghha; u tipprojbixxi lill-imsemmi Pawlu Camilleri milli jara, jkellem jew b'xi mod jittanta jaghmel kuntatt ma' l-imsemmija tfal u dan taht piena ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti; u l-Qorti qed izzomm minn issa lil Josephine Bonello responsabbli sabiex tassikura li l-projbizzjoni msemmija tigi osservata fil-perjodi li t-tfal ikunu fil-kustodja taghha …*"

Illi mill-provi mismugha fl-udjenza tat-22 ta' Ottubru 1997, fil-precitata kawza, il-Qorti kienet sodisfatta li kemm Pawlu Camilleri kif ukoll Josephine Bonello naqsu li joqghodu ghall-ordnijiet ta' din il-Qorti kif imfissra fl-imsemmi digriet u ghalhekk hemm *prima facie* kaz ta' disprezz lejn l-Awtorita' ta' din il-Qorti;

Illi b'digriet tas-17 ta' Novembru 1997, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 1003A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, ordnat lill-attur sabiex jistitwixxi l-proceduri mehtiega kontra l-imsemmija Pawlu Camilleri u Josephine Bonello skond il-ligi, Dokument "X1";

TALAB li din il-Qorti:

1. issibhom hatja ta' disprezz ghall-awtrotia' taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u
2. tikkundannahom ghall-pieni preskritti mil-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma minn issa ngiunti ghas-subizzjoni, u bit-twissija li jekk ma jidhrux huwa jista' jigu mgieghal biex iwiegbu ghall-akkuza bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti tas-16 ta' Marzu 1999 wara li l-Qorti kienet awtorizzat lill-konvenut Pawlu Camilleri jipprocedi bil-prezentata ta' din in-nota b'digriet taghha tal-5 ta' Marzu 1999 fejn l-istess konvenuti eccepew illi:

1. "Illi dawn il-proceduri odjerni huma rriti u nulli stante li l-azzjoni ghal disprezz tal-Qorti trid tigi inizzjata da parti tal-parti leza (ara *Scicluna vs Pace* deciza mill-Qorti Kostituzzjonali).

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti bl-ebda mod ma kisru l-imsemmi digriet jew b'xi mod rendew ruhhom hatja ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom u l-lista tax-xhieda.

Fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2000 il-Qorti giet mitluba w ikkoncediet lill-partijiet jaghmlu noti ta' sottomissjonijiet fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti. Dawn in-noti saru rispettivament fl-14 ta' April u 8 ta' Gunju 2000 filwaqt illi fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2000 il-kawza thalliet ghal sentenza parzjali, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Artikolu 1003A mizjud bl-Att XXIV tal-1995 u emendat b'dak IV tal-1996 issa jipprovdi, fil-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

"*Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu, f'kull procediment ghal disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti, ir-Registru ghandu jibda, kif ordnat mill-Qorti, il-procedimenti mehtiega u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa ghandu jitqies bhala l-attur.*"

Ghandu jkun ovvju minn dan l-Artikolu li r-Registratur tal-Qorti jitqies bhala attur fi procediment ghad-disprezz. Effettivament f'dan il-kaz gie segwit il-vot tal-ligi meta b'ordni tal-Qorti lir-Registratur biex jipprocedi ghal disprezz moghti b'digriet tas-17 ta' Novembru 1997 huwa hekk ghamel. Ic-citazzjoni giet proposta wara l-emenda in kwistjoni u ghalhekk lanqas ma huwa necessarju ghall-Qorti tezamina l-kwistjoni tar-retorattivita ta' ligi procedurali.

Ghal dawn ir-ragunijiet din l-eccezzjoni tal-konvenuti ma hijiex sostenibbli u hija michuda bl-ispejjes filwaqt illi l-kawza ghandha tkompli tinstema' fuq il-meritu fl-10 ta' Lulju, 2001 fid-9.00 a.m.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.